MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 247/1987/2

**Maria Abela nominata bhala kuratrici ad litem ta' binha inkapaci Saviour Abela u b'digriet tal-21 ta' Ottubru 1988 gew nominati kuraturi ad litem ta' Saviour Abela, Dominic u Joseph ahwa Abela**

**Vs**

**Emmanuel Cachia u Joseph Bonnici u r-Registratur tas-Socjetajiet, Joseph Cachia f'ismu u bhala likwidatur tas-socjeta' Cachia & Bonnici**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attrici fis-17 ta' Marzu, 1987, li in forza taghha wara li ppremettiet::

1. Illi l-konvenuti kienu socji tas-socjeta' "en nom collectiv" " Cachia & Bonnici";

2. Illi l-imsemmija socjeta' giet dikjarata xolta b'rizoluzzjoni tad-29 ta' Jannar, 1977;

3. Illi wara dik l-istess dikjarazzjoni l-imsemmija socjeta' kienet giet imhassra ("struck-off") mir-Registru tas-socjetajiet;

4. Illi Joseph Cachia b'ittra ta' l-istess data indirizzata lir-Registratur tas-Socjetajiet kien iddikjara illi "all the liabilities of the said partnership with third parties have been settled accordingly";

5. Illi tali dikjarazzjoni manifestament frawdolenti stante li l-konvenut Cachia, kif ukoll il-konvenuti Emanuel Cachia u Joseph Bonnici socji fil-fuq imsemmi socjeta', kienu jafu bl-esistenza tal-kawza li l-attrici kienet gja intavolat ghal hlas ta' danni kagunati b'korriment ta' bin l-attrici fuq il-post tax-xoghol ta' l-istess mas-socjeta' imsemmija u ghall-liema l-konvenuti u s-socjeta' minnhom rappresentata kienu responsabbli;

6. Illi ghalhekk il-fuq imsemmi thassir tas-socjeta' sar irregolarment u fuq dikjarazzjoni manifestament inveritjiera u ghalhekk kien null fil-ligi u bla effett;

Ghalhekk l-attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi li t-thassir tas-socjeta' in kwistjoni sar b'mod hazin a bazi ta' dikjarazzjoni frawdolenti kif fuq inghad;

2. tiddikjara konsegwentement li t-thassir tas-socjeta' Cachia & Bonnici mir-Registru tas-Socjetajiet huwa null u bla effett fil-ligi billi vvizzjat kif fuq inghad;

3. tordna lir-Registratur tas-Socjetajiet biex dan it-thassir ikun ikkancellat u li l-istess socjeta' terga' tkun restitwita fl-imsemmi registru;

4. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu l-ispejjez ta' dina l-kawza;

7. Il-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut ir-Registratur tas-Socjetajiet li in forza taghha ecepixxa:

1. Illi in linea preliminari n-nullita' tac-citazzjoni, stante li ghalkemm wiehed mill-konvenuti u cioe r-Registratur tas-Socjetajiet, hu persuna b'kariga pubblika u gie mharrek fil-kwalita' ufficjali tieghu, din ic-citazzjoni ma setghetx tigi pprezentata hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem minn notifika kontra r-Registratur tas-Socjetajiet ta' ittra ufficjali jew ta' protest, a tenur tal-Art. 460 (1) tal-Kap. 12;

2. Illi l-inkompetenza ta' din il-Qorti, stante li skond l-Artikolu 742 (2) tal-Kap.12, ebda Qorti f'Malta ma ghandha gurisdizzjoni li tistharreg il-validita' ta' xi ghemil jew haga ohra li tkun saret mill-Gvern, jew minn xi persuna li jkollha kariga pubblika fl-ezercizzju tal-funzjonijiet pubblici taghha, u l-azzjoni tar-Registratur tas-Socjetajiet li qed jintalab l-annullament taghha ma taqax taht il-kazijiet eccettwati minn dan il-principju generali;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, l-Ordinanza tas-Socjetajiet Kummercjali ma tipprovdix biex socjeta' li tkun giet "struck off" mir-Registratur tas-Socjetajiet terga' tigi ravvivata, a distinzjoni ta' xi ligi estera, fosthom dik Ingliza, u la dana ma tipprovdihx il-ligi, ma tistax tipprovdi ghalih il-Qorti.

4. Illi l-konvenut l-iehor Joseph Bonnici biegh u ttrasferixxa l-azzjonijiet jew is-sehem tieghu lill-uniku socju l-iehor tas-socjeta' u cioe' il-konvenut l-iehor

Emanuel Cachia sew qabel ix-xoljiment furzat tas-socjeta', tali xoljiment kellu jsir ope legis, ghax is-socjeta' ma setghetx tibqa' tissussisti b'socju wiehed ghal aktar minn sitt xhur, a tenur tal-Art. 34 (e) tal-Ordinanza tal-1962 dwar is-Socjetajiet Kummercjali, u ghaldaqshekk is-socjeta' giet *struck off* mir-Registratur tas-Socjetajiet;

5. Illi kwalsiasi pretensjoni jew debitu fil-konfront tal-attrici nomine ghandu jkun responsabbli ghalih min ghamel id-dikjarazzjoni;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Bonnici li in forza taghha ecepixxa:

1. Illi in linea preliminari n-nullita' tal-proceduri, stante li ghalkemm wiehed mill-konvenuti, ir-Registratur tas-Socjetajiet Pubblici, hu persuna b'kariga pubblika u gie mharrek fil-kwalita' ufficjali tieghu, din l-citazzjoni ma setghetx tigi prezentata, hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifikata kontra l-istess konvenut Registratur tas-Socjetajiet ta' ittra ufficjali jew ta' protest, ghat-tenur tal-Art.460(1) tal-Kap 12;

2. Illi subordinatament u wkoll in linea preliminari, l-inkompeteneza ta' din il-Qorti, stante li skond l-Art. 742(2) tal-Kap 12, "ebda Qorti f'Malta ma ghandha gurisdizzjoni li tistharreg il-validita' ta' xi eghmil jew haga ohra li tkun saret mill-Gvern, jew minn xi persuna li jkollha karika pubblika fl-ezercizzju tal-funzonijiet pubblici taghha", u l-azzjoni tar-Registratur tas-Socjetajiet li qed jintalab l-annullament taghha ma taqax taht il-kazijiet eccettwati minn dal-principju generali;

3. Illi l-inkompetenza ta' din il-Qorti stante li l-konvenut Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali u l-konvenuti l-ohra m'humiex kummercjanti;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, l-eccipjent Bonnici mhux il-legittimu kontradittur tal-attrici ghax hu ma kellu x'jaqsam

xejn max-xoljiemnt u eventwali “*striking off”* tas-socjeta’ “Cachia & Bonnici”, billi hu kien biegh u ttrasferixxa l-ishma tieghu lill-konvenut l-iehor Emanuel Cachia, xhur qabel ix-xoljiment furzat tas-socjeta’ de quo li kellha ssir “*ope legis”* ghax is-socjeta’ ma setghetx tkompli tissussisti b’socju wiehed ghal aktar minn sitt xhur, ghat-tenur tal-Art. 34 (e) tal-Ordinanza tal-1962 dwar is-Socjetajiet Kummercjali. Ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza.

5. Illi subordinatament ghalkemm ma kienx hu li ffirma d-dikjarazzjoni lamentata u ma kienx hu li ta xi istruzzjonijiet biex din tigi prezentata fis-sustanza din id-dikjarazzjoni, li fuqha ibbaza d-decizjoni tieghu insindikabbli u irrevokabbli l-konvenut Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali, tidher li kienet tirrispekkja fedelment il-verita’ attwali, kemm dak inhar, kif ukoll illum, ghax s’issa ghadu ma giex dikjarat li s-socjeta’ Cachia & Bonnici hi responsabbli ghall-incident u ghall-korriment ta’ iben lattrici, u ghalhekk verament ma kien hemm l-ebda debitu favur terzi meta saret din id-dikjarazzjoni, u zgur li ma kien hemm ebda frodi kif allegat fic-citazzjoni;

6. Illi f’kull kaz, l-Ordinanza tas-Socjetajiet Kummercjali, ma tipprovdix biex is-socjeta’ li tkun giet “*struck off”* terga’ tigi ravvivata, u dana ghad-distinzjoni ta’ xi ligi estera, u ghalhekk la l-ligi ma tipprovdix ghal dan, dan ma tistax tipprovdih il-Qorti;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Emmanuel Cachia li in forza taghha ecepixxa:

1. Illi in linea preliminari, in-nullita tal-proceduri u tac-citazzjoni, skond l-Art. 460(1) tal-Kap. 12, stante li dawn ma gewx preceduti b’ittra ufficjali jew protest notifikat lill-konvenut Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali, u ghalhekk ir-Registratur tal-Qrati suppost li sahansitra rrifjuta li jircievi din ic-citazzjoni;

2. Illi subordinatament din il-Qorti hija inkompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici stante l-Art 742 (2) tal-Kap. 12, billi jekk hi tiddeciedi li t-thassir tas-socjeta' Cachia & Bonnici sar b'mod invalidu u hu null u bla effett, u r-Registratur jigi ordnat li jikkancella tali thassir, din il-qorti tkun qed tistharreg il-validita' ta' xi eghmil jew haga li tkun saret mill-Gvern jew ufficjali pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet pubblici tieghu. U l-qorti hija prekluza milli taghmel dan u milli tiddikjara bhala null jew invalidu att simili, hlief fil-kazijiet espressament eccettwati bil-Ligi, li ma japplikawx ghal kaz odjern;

3. Illi stante li hadd mill-konvenuti mhu kummercjant, din il-Qorti hija inkompetenti razionae materiae;

4. Illi subordinatament u fil-mertu, it-talbiet attrici jikkozzaw ma talba ohra tal-istess attrici li qed issir minnha f'kawza ohra fl-ismijiet "Saviour Abela noe vs Emanuel Cachia noe, et noe" (Citaz. 1106/75 JDC) issa pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, fejn qed jintalab it-trasfuzzjoni tal-gudizzju mis-socjeta' Cachia & Bonnici favur il-konvenuti Emanuel Cachia u Joseph Bonnici personalment. B'talba simili, l-attrici accettat implicitament quddiem Qorti ohra il-validita' u r-regolarita' tal-"*striking off"* u ghalhekk issa hu inkoncepibbli kif din tista' timpunja tali "*striking off",* ghax "selecta una via, non datur recursus ad alteram".

5. Illi subordinatament hu ma ghamel ebda dikjarazzjoni frawdolenti. Hu kie gie kostrett mill-konvenut Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali li jxolji s-socjeta' "ope legis" skond l-Art. 34 (e) tal-Ordinanza tas-Socjetajiet Kummercjali, meta s-socju l-iehor Joseph Bonnici kien ittrasferielu s-sehem tieghu u hallieh wahdu;

6. Illi subordinatament id-dikjarazzjoni lamentata ma kinitx inveritjiera u frawdolenti, ghax fil-fatt, sa dak inhar, u, del resto, anki sal-lum, is-socjeta' Cachia & Bonnici ma kellha u m'ghandha ebda "liability" jew debitu fil-konfront tal-attrici noe. Li hemm hi biss pretensjoni ghad-danni li qed tigi kontestata;

7. Illi anke kieku kellu jirrizulta li tali dikjarazzjoni kienet verament inveritjiera, it-talbiet attrici xorta huma insostejnibbli, ghax il-Ligi Maltija, ghad-distinjzoni ta' xi ligi estera, ma tipprovdix makkinarju biex socjeta' li tkun giet "*struck off"* mir-Registratur tkun tista' tigi ravvivata f'kazi simili, u la l-Ligi ma tipprovdi ghal din l-eventwalita' u ma segwietx il-mudelli taghha, dan il-makkinarju ma tistax tissupplieh il-Qorti;

8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Cachia proprio et nomine li in forza taghha eccepixxa:

1. illi l-atti tac-citazzjoni huma nulli u l-azzjoni hija improponibbli ghax ma giex rispettat il-vot tal-Art. 460(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi subordinatament u in linea preliminari wkoll, l-inkompetenza ta' din il-Qorti ghat-tenut tal-Art. 742 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi mhux minnu li hu ta jew ghamel xi dikjarazzjoni frawdolenti bhala stralcjarju tas-socjeta' Cachia & Bonnici;

4. Illi f'kull kaz, anki kieku kellhom jirrizultaw il-premessi kollha tal-azzjoni odjerna, il-ligi ma taghti ebda poter lill-Qorti li jirravvivaw is-socjeta' kummercjali li tkun giet "*struck off*" mill-konvenut Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali u ghalhekk it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Mejju, 1988, in forza tieghu l-konvenuti kollha rtiraw l-ewwel eccezzjoni preliminarja taghhom;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-13 ta’ Jannar, 1989, li in forza tieghu cahdet it-talba tal-konvenut Joseph Cachia sabiex jigi ezentat milli jixhed f’din il-kawza pendenti l-ezitu tal-process kriminali kontra l-konvenuti Emmanuel Cachia (li jigi missieru) u kontra Joseph Bonnici, kif ukoll ghaliex, bix-xhieda tieghu, jista’ talvolta jinkrimina ruhu, salvi, pero’, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 589 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Proceduri Civili;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-18 ta’ Gunju, 1990, li in forza tieghu laqghet is-sottomissjoni tal-konvenuti fis-sens li tigi deciza l-ewwel it-tieni eccezzjoni dwar in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tal-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tas-7 ta’ Dicembru, 1992, li in forza taghha laqghet it-tieni eccezzjoni sollevata minn kull wiehed mill-konvenuti, u konsegwentement, iddecidiet li hija m’ghandhiex gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u, ghalhekk, illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes jithallsu mill-atturi;

Rat il-petizzjoni tal-appell tal-atturi;

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Gunju, 2001, li in forza taghha iddecidiet illi l-Qrati ordinarji ghandhom zgur il-kompetenza li jikkunsidraw il-meritu fir-rigward ta’ l-ewwel u tar-raba’ talbiet attrici, u rrizervat il-gudizzju dwar it-tieni eccezzjoni fir-rigward it-tieni u t-tielet talba ghal stadju ulterjuri tat-trattazzjoni u, allura, irrevokat is-sentenza appellata u l-atti gew rimessi lil din il-Qorti ghal-kontinwazzjoni, bl-ispejjes tal-appell ikunu a karigu tal-appellati.

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi, fil-qosor, ic-cirkustanzi li waslu ghal din il-kawza kienu dawn. Iben l-attrici Saviour Abela, kien impjegat mas-socjeta *"en nom collectif"* konvenuta Cachia & Bonnici, u fl-1 ta' Lulju, 1974, korra fuq il-post tax-xoghol, u b'rizultat ta' dak l-incident huwa baqa' totalment disabilitat. Peress li l-familjari ta' Saviour Abela ikkunsidraw li r-responsabilita' ghall-incident kienet tas-socjeta' Cachia & Bonnici, u peress li din irrifjutat li taghmel tajjeb ghad-danni, dawn fethu kawza kontra s-socjeta' ghad-dikjarazzjoni tar-responsabilita' taghha ghall-incident u ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni.

Fil-kors ta' dik il-kawza, is-sieheb Joseph Bonnici biegh sehemu fis-socjeta' lis-sieheb l-iehor Emmanuel Cachia u dan bi skrittura li ggib id-data tat-2 ta' Awissu, 1976. Fuq dik l-iskrittura, saret kundizzjoni fis-sens li jekk is-socjeta' tinstab responsabbli ghall-incident li fih wegga' Saviour Abela, il-komparenti Joseph Bonnici jibqa' bhala socju responsabbli personali ghal-hlas ta' sehemu mid-danni li jigu likwidati.

Fil-25 ta' Awissu, 1976, id-ditta Cachia & Bonnici avzat lir-Registratur tas-Socjetajiet li s-Sur Joseph Bonnici kien waqaf milli jkun sieheb fis-socjeta' u dana b'effett mid-29 ta' Lulju, 1976.

Peress li kien baqa' socju wiehed fid-ditta u peress illi, skond il-ligi allura vigenti, socjeta' *en nom collectif* ma setghetx tibqa' komposta minn socju wiehed ghal aktar minn sitt xhur, is-socjeta', flok dahlet sieheb iehor, infurmat lir-Registratur tas-Socjetajiet illi *"all the liabilities of the said partnership with third parties have been settled accordingly"*, u li l-kotba tas-socjeta' *"were entrusted to Mr. Joseph Bonnici"*. Din l-informazzjoni intbaghtet lir-Registratur b'ittra tad-29 ta' Jannar 1977. Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni, ir-Registratur tas-Socjetajiet accetta li jhassar is-socjeta' u dana wara li rcieva avviz li s-socjeta' kienet *"dissolved"* b'effett mid-29 ta' Jannar, 1977.

L-atturi qed jattakkaw dik l-"*istriking off"* minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet u dan peress li saret fuq bazi ta' informazzjoni zbaljata moghtija lir-Registratur tas-Socjetajiet. Huma qed jallegaw li d-dikjarazzjoni moghtija li d-djun tas-socjeta' kienu thallsu kollha (mehtiega qabel ma' socjeta tigi *"struck off"* minn fuq ir-registru) kienet zbaljata peress li kien ghad hemm ghaddejja l-kawza li huma fethu ghad-dikjarazzjoni ta' responsabbilta' ghad-danni li sofra Saviour Abela. Dik il-kawza holqot "*contingent liability*" li kienet izomm lis-socjeta' milli tigi "*struck off*" kieku ir-Registratur tas-Socjetajiet kien maghrraf b'dik ic-cirkustanza. Peress li socjeta' Cachia & Bonnici ma ghadhiex tezisti, il-kawza li l-atturi fethu kontra taghha ghad-danni, kellha tieqaf. F'din il-kawza l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li t-thassir tas-socjeta' sar b'mod hazin u li, allura, is-socjeta' terga' tkun restitwita fl-imsemmi registru.

Jigi rilevat li l-konvenuti kienu eccepew l-inkompetenza ta' din il-Qorti "*ratione materiae*" u dan peress li l-kawza, originarjament, giet istitwita fil-Qorti tal-Kummerc, meta, kien qed jigi allegat, il-konvenuti ma kienux kummercjanti. Din l-eccezzjoni ma giet qatt deciza, izda, illum, fid-dawl tal-emendi ghal-ligi ta' procedura li nehhew id-distinzzjoni bejn il-Qrati Civili u dawk Kummercjali, ma fadalx lok li dik l-eccezzjoni tigi mistharga u l-Qorti, ghalhekk, mhux se tiehu konjuzzjoni taghha.

Ghar-rigward tal-meritu, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fis-sentenza li tat f'din il-kawza fit-28 ta' Gunju, 2001, kienet irriservat il-posizzjoni taghha dwar kemm hu possibli li socjeta' *"struck off*" minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji setghet tigi ravvivata. F'decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Dr. Leslie Grech vs Registratur tas-Socjetajiet" fid-9 ta' Ottubru, 1979, kien gie deciz li, fil-ligi taghna, ma kienx possibli li socjeta' li tkun giet *dissolved* tigi risucitata. Maz-zmien, pero', jidher li kien hemm ripensament, u l-istess kwistjoni giet studjata *funditus* minn din il-Qorti fil-kawza "Mayflower Co. Ltd. et vs Registratur tas-Socjetajiet*"* deciza fit-22 ta' Jannar, 1999, u din il-Qorti kienet accettat it-teorija ta' Gower, hemm kwotat, li *"A contrast between the death of an*

*individual and that of a company is that, without divine intervention, but merely by an order of the Court, a dissolved company can be resurrected".*

Dan l-ahhar insenjament gie abbraccjat minn din il-Qorti fil-kawza "Migdol Insurance Co. Ltd et vs Paul Mizzi noe" deciza fit-18 ta' Mejju, 2001, fejn intqal li kumpanija tista', fl-interess tal-kredituri, terga' titqieghed fuq ir-registru tal-kumpaniji avolja tkun giet imhassra.

Il-possibilta' li kumpanija mhassra terga' titqieghed fuq ir-Registru, gie implicitament rikonoxxut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Barbara vs El-Ferghani", deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001, fejn gie deciz li jekk amalgamazzjoni ta' zewg kumpaniji tigi dikjarata nulla, l-istess zewg kumpaniji jergghu jiehdu l-istat taghhom.

F'dan il-kaz jirrizulta li kien hemm negligenza grossolana, jekk mhux frodi, meta ntbaghtet l-ittra tad-29 ta' Jannar, 1977, lir-Registratur tal-Kumpaniji; f'dik l-ittra s-socjeta' Cachia & Bonnici iddikjarat li d-djun kollha li kellha vis-à-vis terzi "*have been settled*", u dan meta zgur kienet taf li kontra taghha kien ghad hemm pendenti kawza ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni. L-iskop ta' likwidazzjoni ta' socjeta' hija biex jithallsu d-debiti taghha u, dak li jibqa' jinqasam bejn is-socji skond is-sehem rispettiv taghhom. Kumpanija ma tistax taghlaq il-kotba taghha meta jkun hemm krediti jew debiti pendenti, u qabel ma dawn jigu determinati, l-process ta' likwidazzjoni ma jistax jigi konkluz u, kwindi, t-thassir tal-kumpanija ma jistax jigi registrat. Jekk socjeta' minhabba diffikultajiet interni, ma tkunx tista' tkompli tinnegozja, tista' titpogga fi stat ta' likwidazzjoni, u jinhatar likwidatur biex dan jara li l-pendenzi tal-istess kumpanija jigu settiljati. Mhiex skuza, ghalhekk li din is-socjeta' konvenuta kellha tigi mhassra ghax spiccat b'socju wiehed, meta dan ma kienx permess mil-ligi. Is-socjeta' kellha, f'dawk ic-cirkustanzi, titpogga f'likwidazzjoni u mhux tithassar. Ikun facli ghal-kumpanija li tehles mir-reponsabilitajiet taghha billi tfittex it-thassir taghha minn fuq ir-registru tal-kumpanija fuq il-bazi li, minhabba diffikultajiet interni, ma setghetx tkompli topera.

Dan il-kaz jixbah il-meritu tal-kawza kwotata “Migdol Insurance Co. Ltd. Vs Mizzi noe” deciza minn din il-Qorti, fejn, b’analogija ghar-rimedju tal-*actio pauliana*, din il-Qorti ordnat il-kancellament tat-thassir tal-kumpanija, u ordnat lir-Registratur tal-Kumpaniji jerga’ jpoggi l-kumpanija fuq ir-registru sabiex il-kredituri tal-istess kumpanija jkunu jistghu jipprocedu kontra taghha. Issa, kif inhu maghruf, l-*actio pauliana* tehtieg il-*consilium fraudis*, li, pero’, ma hijiex ekwivalenti ghal l-intenzzjoni li jirreka dannu; din l-intenzjoni mhux mehtiega. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Camilleri vs Agius”, deciza fit-23 ta’ Novembru, 1934, fuq l-iskorta tal-Baudry, *“la frode pauliana diferisce notevolmente dal dolo, nel senso che non suppone come questo l’usu di manovre sleali. Non e’ nemmeno necessario che il debitore abbia agito coll’ intenzione di nuocere ai suoi creditori; basta che abbia avuto conoscenza del pregudizio che cagionava loro”*. (ara wkoll “Ciancio vs Buontempo” deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-20 ta’ Novembru, 1950, u “Bellia vs Grech”, deciza mill-istess Onorabbli Qorti fis-6 ta’ Ottubru, 1999).

F’dan il-kaz, is-socjeta’ Cachia & Bonnici kienet taf, jew messha kienet taf, li t-thassir tas-socjeta’ kien se jkun ta’ pregudizzju ghal-kredituri, ghax kienet taf li kien hemm kreditur partikolari li kellu kawza pendenti kontra taghha u li, bit-thassir tal-kumpanija minn fuq ir-registru, kien se jinholoq pregudizzju minhabba li l-allegat debitur, is-socjeta konvenuta fil-proceduri pendenti, giet mhassra u kwindi ma baqghetx tezisti.

Hu veru li hawn si tratta minn socjeta’ *en nom collectif* fejn is-socji huma personalment responsabli illimitatament ghad-djun tas-socjeta’ u li s-socju Joseph Bonnici, meta hareg mis-socjeta’, baqa’ jzomm ir-responsabbilita’ tieghu ghal-sehemu f’kaz li jirrizulta li l-kreditu tal-atturi kien fondat, izda, f’kaz li jirrizulta l-kreditu tal-atturi, id-debitur principali tkun is-socjeta’ Cachia & Bonnici u hu biss *in subsidium* li jidhlu biex jaghmlu tajjeb is-socji. Kwindi l-kredituri ghandhom interess jsibu s-socjeta’ allegata debitrici intatta u bla ma jkun imqassam xejn bejn is-socji u dana sabiex, fl-ewwel lok, ikunu jistghu jezercitaw

kontra taghha kwalunkwe sentenza li tista' tinghata favur taghhom. Darba l-assi tas-socjeta jinqassmu bejn is-socji, dawn jidhlu u jiffurmaw parti mill-patrimonju individwali taghhom, bid-dritt li jiddisponu minnhom liberalment, u kwindi kull kreditur ghandu interess jara li dan ma jigrix qabel ma l-kumpanija tkun halset id-djun kollha taghha.

Kif inghad, dan mhux kaz fejn is-socjeta' u s-socji ma kienux konxji tal-pretensjoni tal-atturi (fejn, allura, is-sitwazzjoni, forsi, tista' tkun mod iehor), izda dan hu kaz fejn is-socji kienu jafu b'kawza pendenti kontra s-socjeta', izda, cio nonostante, inharget dikjarazzjoni li d-djun kollha gew determinati, u intalbet it-thassir tas-socjeta' minn fuq ir-registru. Dan hu kollu agir illegali u mehud b'non kuranza ghal-interessi tat-terzi. Il-ligi, pero', ghandha tipprotegi l-interessi u d-drittijiet tat-terzi u ghandha tipprovdi rimedju meta dawn l-interessi jew drittijiet jigu injorati.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet permessi, din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi, previa li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet kollha tal-atturi kif dedotti, u tordna inoltre lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex jaghmel nota fuq l-ittra tad-29 ta' Jannar, 1977 (u li dahlet fir-Registru fis-7 ta' Frar, 1977) li, fil-fatt, ghad hemm kontra s-socjeta' pretensjoni ghad-danni li ghadha pendenti quddiem il-Qrati. Wara li ssir d-debita restituzzjoni, is-socjeta' Cachia & Bonnici ghandha tipprovdi biex tirregola l-posizzjoni taghha skond il-ligi (occorrendo bil-hatra ta' likwidatur), u dana fi zmien xahar mid-data li fiha s-socjeta' terga' titpogga fuq ir-registru.

L-ispejjez tal-kawza, hlief ghal-dawk gia decizi, jithallsu kollha mill-konvenuti Emmanuel Cachia u s-socjeta' Cachia & Bonnici in solidum bejniethom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------